# Tribunal Industrijali

Kaz Nru: 3475/JD

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Carlo Fenech (KI: 536263M)

u

Support Services Limited (C 30778)

*dwar: tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**Chairman: Is-Sur Joseph Delia BA(Hons)(Econ), FIPD**

**Illum 29 ta' Lulju, 2019**

## Digriet

**Il-Fatti**

Fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 is-Socjeta` Ntimata sostniet illi t-Tribunal ma ghandux il-kompetenza li jiddeciedi dwar il-Kaz odjern u dan skond Artiklu 75 1a u b tal-Kap 452 kif sustanzjat mis-sentenza tal-Qorti tal-Appell tal-25 ta' Jannar 2019 fil-Kaz ta' Waldemar David Galea kontra l-Universita` ta' Malta.

Ir-Rikorrent oggezzjona ghal tali eccezzjoni ghaliex:

(a) l-Artiklu 728 tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta jghid illi, "l-eccezzjonijiet … ghandhom jinghataw fir-risposta guramentata …." u "… b'dan illi l-qorti tista' meta jsirilha rikors mill-konvenut jew … l-appellat tippermetti li jinghataw aktar eccezzjonijiet jekk din tkun sodisfatta li kien hemm ragunijiet validi l-ghaliex ma jkunux inghataw fin-nota tal-eccezzjonijiet jew ir-risposta"; dil-eccezzjoni dilatorja ma tqajmitx fir-risposta;

(b) l-Artiklu 77(1) tal-Kap 452 ighid illi t-Tribunal ghandu jkollu dawk is-setghat li bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma moghtija lill-Qorti Civili, Prim'Awla, u li ghaldaqstant ghandhom japplikaw ukoll il-provvedimenti tal-Kodici f'dak illi jirrigwarda l-procedura bil-miktub;

(c) il-fatt illi l-Kaz jittratta dwar kuntratt definit ta' mpjieg qatt ma kien ikkontestat; ghaldaqstant huwa skorrett illi huwa issa, kwazi tlett snin wara li nbdew dawn il-proceduri illi qeghda tigi mressqa dil-eccezzjoni dilatorja;

(d) id-dicitura tal-provvedimenti li fuqhom il-Qorti tal-Appell strahet ma gietx emendata mill-2016 'il hawn u ghaldaqstant is-Socjeta` Ntimata kellha kull opportunita` tqajjem dil-eccezzjoni *in limine litis*;

(e) ghaddew kwazi erba' xhur minn meta s-sentenza citata tal-Qorti tal-Appell ta' Jannar 2019, li matulhom saru zewg seduti u kien biss waqt it-tieni seduta u wara l-kontroezami tar-Rikorrent illi giet imressqa dil-eccezzjoni;

(f) il-Prim'Awla, nhar id-29 ta' April 2019, f'Andrew Attard Montalto et vs Paul Micallef, sostniet illi, "… dis-sottomissjoni … ma tqajjmitx bhala eccezzjoni b'mod formali, kif jiddisponi l-Artiklu 728 tal-Kap 12. Dan ifisser illi ma setghetx titqajjem fin-nota ta' sottomissjonijiet. Din hija ndiskutibbilment il-pozizzjoni legali li giet soffermata anke minn dawn il-Qrati (ara Sentenza tal-Qorti tal-Appell Superjuri f'George Borg pro et vs Paola Tabone tad-9 ta' Ottubru 2009). … il-konvenuta kienet konsapevoli mill-bidu nett tal-kawza …. Di piu`, li kieku din il-Qorti kellha thalli li jsiru xorta ta' difizi b'dan il-mod, dwar kwistjonijiet legali li qatt ma jkunu tqanqlu tul il-kawza ghax qatt ma jkunu gew eccepiti fi stadju bikri tal-proceduri kif titlob il-ligi, tkun qieghda tippermetti li l-parti kuntrarja tigi mcahhda mill-opportunita` li tittratta jew tirribatti dak li jkun tqanqal minghajr eccezzjoni formali.";

(g) il-kwistjoni legali dwar il-gurisdizzjoni u l-kompetenza ta' dat-Tribunal ma nqalghetx fil-mori tal-kawza u s-Socjeta` Ntimata kienet konsapevoli sa mill-bidu li hawnhekk si tratta dwar kuntratt definit; ghalhekk is-Socjeta` Ntimata kienet obbligata li tqajjem dil-kwistjoni *in limine litis.*

Ma kienx hemm kontrorisposta min-naha tas-Socjeta` Ntimata ghall-oggezzjonijiet tar-Rikorrent u *stante* li ma kienx hemm il-htiega ta' sottomissjonijiet ulterjuri t-Tribunal ghadda biex jaghmel il-kunsiderazzjonijiet tieghu w jaghti d-digriet.

**Kunsiderazzjonijiet**

It-Tribunal ikkunsidra l-oggezzjonijiet tar-Rikorrent ghat-talba li s-Socjeta` Ntimata ghamlet lit-Tribunal biex dan jilqa' l-eccezzjoni dilatorja msemmija. Il-kunsiderazzjonijiet tat-Tribunal huma dawn:

Rigward l-oggezzjoni (a):

L-ewwel sottomissjonijiet tas-Socjeta` Ntimata rigward il-Kawza odjerna saru permezz ta' risposta rregistrata fil-Qorti tal-Gustizzja ta' Malta nhar is-7 ta' Ottubru 2016. Kien fil-25 ta' Jannar 2019 illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell dawwret il-konswetudni guridika li t-Tribunal ghandu gurizdizzjoni anki fuq kuntratti ta' mpjieg illi huma ghal zmien definit; ghalhekk is-Socjeta` Ntimata ma setghetx tqajjem l-eccezzjoni fil-bidu tal-kawza! Ghalhekk, ghall-finijiet tal-Artiklu 728 tal-Kap 12, u kif jipprovdi l-Artiklu 731 ta' l-istess Kap it-Tribunal huwa sodisfatt

li hemm raguni valida ghaliex l-eccezzjoni mitluba mis-Socjeta` Ntimata ma nghatatx fir-risposta.

Rigward l-oggezzjoni (b):

l-Artiklu 77(1) tal-Kap 452 jaghti lit-Tribunal is-setghat li bil-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili huma moghtija lill-Qorti Civili, Prim'Awla. Li jkollu s-setghat ma jfissirx necessarjament illi jkun dejjem u f'kollox soggett ghall-proceduri tal-Kodici. Tant hu hekk illi l-Artiklu 78(3) jawtorizza lit-Tribunal biex bla hsara ghad-dispozizzjonijiet tal-Att dwar l-Impjiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali t-Tribunal jirregola l-procedura tieghu stess. It-Tribunal iqis illi jkun qed jaghmel hsara lid-dispozizzjoni tal-Att dwar il-gurisdizzjoni tieghu, specjalment kif interpretat mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-Sentenza taghha tal-25 ta' Jannar li ghadda, jekk jinjora t-talba li ssir eccezzjoni u jinjoraha minhabba tfettiq fil-procedura. Ghalhekk it-Tribunal ma jqisx illi l-fatt illi s-Socjeta` Ntimata ma qajjmitx l-eccezzjoni permezz ta' rikors jannulla t-talba ghall-eccezzjoni.

Rigward l-oggezzjoni (c):

kien ir-Rikorrent, fid-depozizzjoni tax-xiehda orali tieghu, li qal illi l-kuntratt ta' l-impjieg kellu jizvolgi f'kuntratt indefinit[1] u ghaldaqstant is-Socjeta` Ntimata stenniet illi taghmel il-kontroezami taghha biex tikseb kjarifika u konferma minghand ir-Rikorrent illi l-kuntratt ta' mpjieg illi dan kellu mas-Socjeta` Ntimata ma kienx jorbot lis-Socjeta` Ntimata li ddawwar il-kuntratt f'wiehed indefinit salv naturalment f'dawk il-kazi li l-Ligi ta' Malta tipprovdi ghalihom (Artiklu 34 tal-Kap 452, L.S. 452.81). Il-kontroezami sar fid-9 ta' Mejju 2019. Kien fl-ahhar tal-kontroezami li s-Socjeta` Ntimata ghamlet l-eccezzjoni dilatorja dwar illi t-Tribunal ma ghandux il-kompetenza fuq il-Kaz odjern. Is-Socjeta` Ntimata qajjmet dil-eccezzjoni a bazi wkoll tas-Sentenza tal-Qorti tal-Appell li nghatat fil-25 ta' Jannar 2019. Hemm diversi kazi li qed jigu ttrattati mit-Tribunal diversament presedut u li s-smiegh taghhom gie sospiz minhabba dis-Sentenza[2]; ghalhekk ma tkunx xi haga straordinarja jekk dat-Tribunal iqis illi s-Socjeta` Ntimata qajmet l-eccezzjoni anki minhabba s-Sentenza tal-25 ta' Jannar. Fil-fatt, fis-seduta tat-28 ta' Frar 2019, li kienet l-ewwel seduta li saret minn meta nghatat l-imsemmija Sentenza, is-Socjeta` Ntimata talbet illi fis-seduta li jmiss ma jinstemghux aktar xhieda halli tkun tista` taghmel kontroezami tar-Rikorrent[3]. Ghaldaqstant it-Tribunal ma jistax ighid illi s-Socjeta` Ntimata qaghdet tkaxkar saqajha biex tqajjem l-eccezzjoni.

Rigward l-oggezzjoni (d):

id-dicitura tal-Att ma gietx mibdula mill-2016 pero`, sa qabel il-25 ta' Jannar 2019, il-Qorti tal-Appell iddikjarat *ope legis* illi l-Kapitlu 452 tal-Ligijiet ta' Malta, liema Kapitlu kien rizultat ta' konsolidament tal-Att Li Jirregola l-Kundizzjonijiet tal-Impjieg u l-Att Dwar Ir-Relazzjonijiet

---

[1] Pagna 3 tat-traskrizzjoni tas-seduta tas-17 ta' Jannar 2019
[2] bhall-Kazijiet 3152/GV, u 3670/JHP
[3] Pagna 18 tat-traskrizzjoni tas-seduta tat-28 ta' Frar 2019

Industrijali, iqiegħed lit-Tribunal bħala l-uniku Qorti li għandu l-ġurisdizzjoni biex jiddeċiedi jekk tkeċċija mill-impjieg hix ġusta jew le, irrispettivament jekk l-impjieg ikunx għal żmien definit jew le. Tali dikjarazzjoni hija kristalizzata fis-sentenza mogħtija nhar it-23 ta' Frar 2005 dwar Appell Ċivili Nru 4/2004.

Nhar il-25 ta' Jannar 2019 il-Qorti tal-Appell, f'Appell Nru 35/2018, iddeċidiet illi t-Tribunal ma għandux kompetenza biex jikkunsidra u jiddeċiedi galadarba l-ilment huwa dwar tkeċċija li hija allegatament inġusta li tirrigwarda kuntratt ta' mpjieg għal żmien stabbilit u li kwindi, skond l-Artiklu 2 tal-Kap 452, mhux kopert mill-artiklu 75 (1)(a) u (b) tal-Kap 452.

Allura t-Tribunal ma jistax jinjora i) l-influwenza ta' tali bidla fl-interpretazzjoni tal-Onorabbli Qorti tal-Appell fuq is-Soċjeta` Ntimata, kif ukoll illi ii) tali bidla seħħet xahar biss qabel is-Soċjeta` Ntimata talbet għall-kontroeżami mill-aktar fis.

Rigward l-oġġezzjoni (e):

l-ispjegazzjoni tat-Tribunal fir-rigward tal-oġġezzjonijiet preċedenti japplikaw ukoll għal dil-oġġezzjoni.

Minn meta ngħatat is-sentenza tal-25 ta'Jannar 2019 mill-Qorti tal-Appell saret seduta fit-Tribunal dwar il-Każ odjern fit-28 ta' Frar 2019, li wara s-smigħ, ġiet differita għall-11 ta' April 2019. Is-seduta skedata għall-11 ta' April 2019 ma saritx peress illi r-Rikorrent talab differiment, li ngħata għad-9 ta' Mejju 2019. Kien fis-seduta tad-9 ta' Mejju 2019 li s-Soċjeta` Ntimata għamlet l-eċċezzjoni dilatorja. Għalhekk it-Tribunal ma jsibx ġustifikazzjoni biex jakkuża lis-Soċjeta` Ntimata bi tnikkir biex qajmet l-eċċezzjoni.

Rigward l-oġġezzjoni (f):

Il-kunsiderazzjonijiet illi għamel it-Tribunal dwar l-oġġezzjonijiet preċedenti japplikaw ukoll għal dil-oġġezzjoni.

Is-sentenza tal-Qorti tal-Appell dwar Appell Ċivili Numru 68/2005/1 ċitata mir-rikorrent tirreferi għas-sentenza tal-ewwel Qorti li ngħatat fl-1 ta' Awwissu 2008 li fiha l-Onorabbli Qorti tikkummenta li l-konvenuta kienet taf mill-bidu nett tal-kawża illi hija ma kinitx l-unika proprjetarja tal-fond u għalhekk ma kien hemm xejn xi jżommha milli tqajjem l-eċċezzjoni tan-nuqqas ta' integrita` tal-ġudizzju fil-bidu nett tal-kawża fin-nota ta' eċċezzjonijiet tagħha. Kif spjegat fil-kunsiderazzjonijiet preċedenti li għamel it-Tribunal dan ma japplikax fil-Każ odjern minħabba li sa Jannar 2019 kien hemm sentenza tal-Qorti tal-Appell mill-Onor. Philip Sciberras li qieset illi t-Tribunal kellu ġurisdizzjoni fuq kull każ ta' tkeċċija mill-impjieg, irrispettivament mid-durata tal-kuntratt tal-impjieg.

Fuq kollox, b'kuntrast għall-każ ċitat mir-Rikorrent, u cioe` Andrew Attard Montalto et vs Paul Micallef, il-Każ odjern ma jkunx qed iċaħħad lir-Rikorrent milli jirribatti l-argumenti tas-Soċjeta` Ntimata jekk it-Tribunal jilqa' l-eċċezzjoni, u dan għaliex ir-Rikorrent ikollu l-

opportunita` li jfittex rimedju kontra s-Socjeta` Ntimata f'Onorabbli Qorti ghajr dik tat-Tribunal.

Rigward l-oggezzjoni (g):

Dil-oggezzjoni giet trattata sufficjentement fil-kunsiderazzjonijiet illi t-Tribunal ghamel dwar l-oggezzjonijiet precedenti. Il-kuncett *in limine litis*, f'dal-Kaz, ma setax ikun applikat bilfors, peress illi, sal-25 ta' Jannar 2019, il-gurisprudenza relattivament recenti kienet taghti lit-Tribunal gurisdizzjoni wkoll fuq kuntratti ta' mpjieg definit u ghaldaqstant it-Tribunal ma jsibx raguni bizzejjed biex jippretendi tali applikazzjoni.

L-ahhar kunsiderazzjoni hija li la l-Qorti tal-Appell, fis-sentenza taghha tal-25 ta' Jannar 2019, illi hija s-sentenza l-aktar recenti tal-istess Onorabbli Qorti rigward il-gurisdizzjoni tat-Tribunal dwar kuntratti ta' mpjieg definittiv, iddecidiet illi t-Tribunal ma ghandux tali kompetenza, kull decizjoni tat-Tribunal li tistabbilixxi jekk tkeccija minn impjieg definittiv hix ghal kawza gusta jew le tista' tigi meqjusa nulla w bla effett.

Konkluzjoni

Ghar-ragunijiet imsemmija fil-kunsiderazzjonijiet tieghu t-Tribunal jilqa' l-eccezzjoni tas-Socjeta` Ntimata u jikkonferma li, bil-konfort tas-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fil-Kaz ta' Waldemar David Galea vs l-Universita` ta' Malta, skond il-Kap 452 ma ghandux gurisdizzjoni fuq kuntratti ta' mpjieg definit u ghalhekk ma jistax jissokta bis-smigh ta' dal-Kaz; ghalhekk jordna li dal-Kaz jigi kkancellat minn fuq il-lista u li, *ai termini* ta' l-Artiklu 741 (b) tal-Kap 12, l-atti tal-proceduri tal-Kaz Nru 3475/JD jigu trasferiti lill-Qorti Civili Prim'Awla sabiex tkun din l-Onorabbli Qorti li tihu konjizzjoni tal-Kaz.

Ghall-finijiet tal-Avviz Legali 48 tal-1986 rigwardanti drittijiet tad-difensuri tal-partijiet, dawn qed jigu ffissati fl-ammont ta' €93.17 kull wiehed.

**(iffirmat)**

Joseph Delia
Chairman

**VERA KOPJA**

Graziella Spiteri
Ghas-Segretarju